Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,237, 7 ta' Mejju, 2024

Taqsima B

A.L. 109 tal-2024

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impjieg (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 48(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għall-impjiegi u r-relazzjonijet industrijali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impjieg (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impjieg, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 452.130.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "Bord tal-Appelli" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Dipartiment" tfisser id-dipartiment responsabbli għall-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali;";

(b) minnufih wara t-tifsira "kondizzjonijiet tal-impjieg" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Kumitat ta' Ħidma" tfisser il-kumitat stabbilit skont regolament 9A;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "prinċipal", għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "proċess sħiħ ta' stħarriġ" tfisser l-istħarriġ, diliġenza xierqa u proċess ta' verifika li jsir skont ir-regolament 9(2);";

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (3) tiegħu, għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) kwalunkwe prinċipal li jiġġestixxi kwalunkwe aġenzija tal-impjieg jew negozju tal-impjieg konnessa mal-impriża tal-istess prinċipal jew fi kwalunkwe impriża li fiha tali prinċipal jipparteċipa fit-tmexxija ta' kuljum tagħha bħala sieħeb attiv jew għal kwalunkwe kumpanija li fiha l-kumpanija tal-prinċipal ikollha interess bħala azzjonist maġġoritarju, b'dan illi jekk isir xi riklam sabiex jimtela kwalunkwe post battal, għandha tiġi speċifikata b'mod ċar l-identità tal-prinċipal fir-riklam;";

(ii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, il-kelma "u" għandha tiġi mħassra;

(iii) fil-paragrafu (d) tiegħu, il-kelma "Taħriġ." għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Taħriġ; u"; u

(b) is-subregolament (4) tiegħu, għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(4) Salv għal kwalunkwe każ fejn in-negozju tal-impjieg huwa limitat għar-reklutaġġ ta' persuni għall-impjieg u ma jinvolvix il-konklużjoni ta' kuntratti ta' impjieg jew relazzjoni tal-impjieg mal-impjegati, l-aġenzija tal-impjieg jew negozju tal-impjieg ma għandha topera skont l-ebda ftehim jew arranġament ieħor ma' kwalunkwe impriża utenti li tipprovdi għall-esklussività fil-provvista ta' kwalunkwe servizzi ta' impjieg lill-istess impriża utenti, u kwalunkwe qbil fi kwalunkwe tali ftehim jew arranġament alternattiv li jipprovdi għal xi forma ta' esklussività għandu jkun null u bla effett.".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Is-subregolament (4) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) L-Aġenzija Identità Malta ma għandha taċċetta l-ebda applikazzjoni għal permess ta' residenza skont ir-Regolamenti dwar Proċedura ta' Applikazzjoni Waħda għal Permess Uniku fir-rigward ta' Residenza u Xogħol u Ġabra Komuni ta' Drittijiet għal dawk il-Ħaddiema ta' Pajjiżi Terzi li jirrisjedu legalment f'Malta, jew kwalunkwe applikazzjoni għat-tiġdid ta' tali permess minn ċittadin ta' pajjiżi terzi sakemm dik l-applikazzjoni ma tkunx approvata mill-prinċipal prospettiv

L.S. 217.17.

tiegħu li jkollu liċenzja valida maħruġa mid-Direttur u li huwa, skont dawn ir-regolamenti, marbut li jkollu liċenzja valida:

Iżda s-subregolament (4) ma għandux japplika għal applikazzjonijiet sottomessi minn ċittadini ta' pajjiżi terzi u li fir-rigward tagħhom tkun tħallset il-miżata meħtieġa għal-liċenzja ta' impjieg qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti. F'tali każijiet l-applikant li huwa ċittadin ta' pajjiż terz jista' jingħata żmien raġonevoli mill-Aġenzija l-Aġenzija Identità Malta sabiex ifittex impjieg alternattiv ma' prinċipal ieħor.".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (d) tas-subregolament (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "dikjarazzjoni mill-applikant fis-sens li turi li avviż ta' intenzjoni kien intwera mill-applikant u li ġew ippubblikati riklami f'minn tal-inqas żewġ (2) gazzetti ta' kuljum," għandhom jiġu miżjuda l-kliem "stampati u elettroniċi,";

(b) is-subparagrafu (2) tiegħu, għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

"(2) L-applikazzjonijiet kemm jekk sottomessi minn applikant għall-ewwel darba kif ukoll minn liċenzjat għal tiġdid ta' liċenzja għandhom jiġu akkumpanjati ukoll minn:

(a) dikjarazzjoni bil-ġurament mill-applikant li tgħid li hu, jew f'każ li l-applikant huwa persuna ġuridika, kull wieħed mid-diretturi kollha tiegħu, mhuwiex individwu li xi darba instab ħati, jew fil-ħin tal-applikazzjoni, qiegħed jiġi interrogat jew huwa suspettat, jew għandu akkużi kriminali miġjuba kontra tiegħu għal kwalunkwe reat kriminali, minbarra reat involontarju punibbli b'aktar minn sentejn (2) priġunerija;

(b) ċertifikat tal-kondotta riċenti oriġinali tal-applikant, jew f'każ li l-applikant huwa persuna ġuridika, fir-rigward ta' kull wieħed mid-diretturi tagħha, minn kull pajjiż jew pajjiżi ta' residenza fejn tali persuna kienet residenti għal perjodu ta' mill-inqas sentejn (2) matul l-aħħar għaxar (10) snin, sakemm l-applikant ma jirnexxilux jipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li mhuwiex possibbli li jinkiseb kwalunkwe tali ċertifikat minn kwalunkwe

pajjiż ta' residenza partikolari:

Iżda l-ebda ċertifikat oriġinali tal-kondotta ma għandu jinżamm u l-ebda kopja ta' tali dokumenti ma għandha issir mid-Direttur wara li jkun eżamina u żamm nota interna tal-kontenut tal-istess dokumenti;

(ċ) dikjarazzjoni bil-ġurament mill-persuna kompetenti appuntata li mhijiex persuna li xi darba instabet ħatja, jew fil-mument tal-applikazzjoni qed tiġi interrogata jew hija suspettata, jew għandha akkużi kriminali miġjuba kontra tagħha għal kwalunkwe reat kriminali, minbarra reat involontarju, punibbli b'aktar minn sentejn (2) priġunerija;

(d) ċertifikat tal-kondotta riċenti oriġinali fir-rigward tal-persuna kompetenti maħtura, minn kull pajjiż jew pajjiżi ta' residenza fejn tali persuna kienet residenti għal perjodu ta' mill-inqas sentejn (2) matul l-aħħar għaxar (10) snin, sakemm l-applikant ma jirnexxilux jipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li mhuwiex possibbli li jinkiseb kwalunkwe tali ċertifikat minn kwalunkwe pajjiż ta' residenza partikolari:

Iżda l-ebda ċertifikat oriġinali tal-kondotta ma għandu jinżamm u l-ebda kopja ta' tali dokumenti ma għandha issir mid-Direttur wara li jkun eżamina u żamm nota interna tal-kontenut tal-istess dokumenti; u

(e) ċertifikat riċenti ta' konformità mal-obbligu tat-taxxa jew l-ekwivalenti, li ma għandux ikun datat iktar kmieni minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, maħruġ mill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana li jindika d-dettalji tar-reġistrazzjoni u l-istatus ta' konformità mal-obbligu tat-taxxa tal-persuna kompetenti, l-applikant u ta' kull direttur u azzjonist tal-applikant fejn l-applikant huwa persuna ġuridika.".

Jissostitwixxi r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi

sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Verifiki addizzjonali.

6. Fejn wara evalwazzjoni inizjali tal-applikazzjoni għal-liċenzja skont dawn ir-regolamenti, jew għat-tiġdid tal-istess, id-Direttur ikun tal-opinjoni li huma meħtieġa verifiki ulterjuri dwar l-applikant jew in-negozju tiegħu, jew fuq il-persuna kompetenti, l-applikant jew id-detentur tal-liċenzja għat-tiġdid għandu jkun meħtieġ li jipprovdi lid-Direttur, bi spejjeż tal-applikant jew tad-detentur tal-liċenzja, tali rapporti ta' diliġenza xierqa minn operaturi terzi ta' reputazzjoni li d-Direttur jista' jitlob u japprova fiċ-ċirkostanzi.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu, għajr il-proviso, għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Il-liċenzja sabiex topera aġenzija tal-impjieg jew negozju tal-impjieg skont ir-regolament 3(1)(a) għandha tinħareġ mid-Direttur, skont ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Ħidma għal perjodu ta' sentejn (2) li jiskatta mid-data speċifikata fil-liċenzja għall-bidu tagħha. Tali liċenzja għandha tiġġedded għal perjodi ulterjuri ta' sentejn (2), soġġett għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal tali tiġdid u għas-sodisfazzjon kontinwu tar-rekwiżiti stabbiliti f'dawn ir-regolamenti:";

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Il-liċenzji għandhom jinħarġu mid-Direttur kif soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Att jew f'dawn ir-regolamenti, kif jistgħu jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien u jistgħu jkunu soġġetti għal tali kondizzjonijet li d-Direttur jista' jimponi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Ħidma skont il-paragrafu (d) tas-subregolament (16) tar-regolament 9A. Addizjonalment, id-Direttur jista' jimponi kundizzjonijiet oħra fil-liċenzja sabiex jaċċerta l-ġestjoni xierqa tal-aġenzija tal-impjieg jew negozju tal-impjieg jew għall-protezzjoni tal-impriżi utenti, u b'mod partikolari tal-applikanti għall-impjieg. Dawn il-kondizzjonijiet jistgħu jiġu varjati mid-Direttur."

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) l-ewwel parti tiegħu għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"(1) Id-Direttur jista', fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Ħidma jirrifjuta applikazzjoni sottomessa minn applikant għall-ewwel darba jew mil-liċenzjat għat-tiġdid ta' liċenzja, jew jista' jirrevoka liċenzja jew jvarja kwalunkwe kundizzjoni tal-liċenzja, skont il-każ, għal kwalunkwe waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:";

(ii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, il-kliem "magħmul mill-Korp tal-Pulizija ta' Malta" għandhom jiġu mħassra;

(iii) fil-paragrafu (d) tiegħu, il-kliem "magħmul mill-Korp tal-Pulizija ta' Malta" għandhom jiġu mħassra;

(iv) fil-paragrafu (e) tiegħu, il-kliem "magħmul mill-Korp tal-Pulizija ta' Malta" għandhom jiġu mħassra;

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) l-ewwel parti tiegħu, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"(2) Id-Direttur għandu jwettaq l-istħarriġ, id-diliġenza dovuta u l-proċess ta' verifika tal-eliġibbiltà tal-applikant, imsemmi f'dawn ir-regolamenti bħala l-"proċess sħiħ ta' stħarriġ", b'tali mod u skont tali proċessi li d-Direttur jista' jiddetermina minn żmien għal żmien, u tali proċess sħiħ ta' stħarriġ jista' jinkludi verifiki ta' sigurtà li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, li jistgħu jużaw l-għodod disponibbli għal tali fini, kif ukoll il-verifiki l-oħra kollha fir-rigward tal-ħasil tal-flus u r-riskji ta' finanzjament tat-terroriżmu minn awtoritajiet kompetenti oħra li jkollhom l-awtorità meħtieġa biex iwettqu tali verifiki. Għall-fini ta' dan ir-regolament, il-fraži "il-proċess sħiħ ta' evalwazzjoni" għandha tinkludi iżda ma tkunx limitata għal investigazzjoni u evalwazzjoni bir-reqqa tal-isfond ta' persuna rilevanti inkluż jekk dik il-persuna:"; u

(ii) il-paragrafu minnufih wara l-paragrafu (i) tiegħu, għandu jiġi mħassar;

(ċ) il-paragrafu (a) tas-subregolament (3) tiegħu, għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) L-Aġenzija Identità Malta, għal kwalunkwe azzjoni meħtieġa fir-rigward ta' applikazzjonijiet li jiġu pproċessati, jew permessi maħruġa skont ir-Regolamenti dwar Proċedura ta' Applikazzjoni Waħda għal Permess Uniku fir-rigward ta' Residenza u Xogħol u Ġabra Komuni ta' Drittijiet għal dawk il-Ħaddiema ta' Pajjiżi Terzi li jirrisjedu legalment f'Malta, fejn l-applikazzjoni tkun ġiet approvata mill-persuna jew persuni sanzjonati mid-Direttur, kif ukoll kwalunkwe applikazzjoni għal viża pendenti.";

L.S. 217.17.

(d) il-paragrafu (b) tas-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) Avviż mogħti skont il-paragrafu (a) għandu jiddikjara li min irċieva l-avviż jista', f'perjodu raġonevoli ta' żmien wara li jkun irċevih, kif jista' jiġi stipulat f'tali avviż, f'perjodu ta' mhux inqas minn tmienja u erbgħin (48) siegħa u mhux itwal minn tletin (30) jum, jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lid-Direttur u jagħti r-raġunijiet li għalihom id-deċiżjoni proposta ma għandhiex tittieħed. Id-Direttur għandu jikkunsidra kull rappreżentazzjoni hekk magħmula qabel ma jirreferi il-kwistjoni lill-Kumitat ta' Ħidma."; u

(e) fis-subregolament (6) tiegħu, il-kliem "bid-deċiżjoni tiegħu" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "bid-deċiżjoni".

9. Minnufih wara r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan ir-regolament ġdid li ġej:

Iżid ir-regolament 9A ġdid mar-regolamenti prinċipali.

"Kumitat ta' Ħidma.

9A. (1) Għandu jkun hemm Kumitat ta' Ħidma li għandu jkollu l-funzjoni li joħroġ rakkomandazzjonijiet lid-Direttur dwar il-ħruġ ta' liċenzji u t-tiġdid ta' liċenzji taħt dawn ir-regolamenti, inkluż kwalunkwe kundizzjoni li għandha tkun mehmuża ma' dawn il-liċenzji fit-termini ta' dawn ir-regolamenti, u li joħroġ rakkomandazzjonijiet lid-Direttur għar-revoka ta' liċenzji jew kwalunkwe kwistjoni oħra li għandha tiġi riferuta lill-Kumitat ta' Ħidma skont dawn ir-regolamenti.

(2) Il-Kumitat ta' Ħidma għandu jkun magħmul minn President u ħames (5) membri oħra, li wieħed minnhom għandu jkun avukat. Wieħed mill-membri tiegħu għandu jkun uffiċjal ta' Identità nominat mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tiegħu filwaqt li ieħor għandu jkun uffiċjal ta' Jobsplus nominat mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tiegħu.

(3) Il-membri tal-Kumitat ta' Ħidma għandhom jinħatru mill-Ministru għal perjodu ta' tliet (3) snin, iżda l-membri hekk maħtura għandhom ikunu eliġibbli għall-ħatra mill-ġdid mal-iskadenza tal-mandat tagħhom.

(4) Il-Ministru jista' jaħtar kwalunkwe membru ieħor tal-Kumitat ta' Ħidma bħala Viċi-President u l-membru hekk maħtur għandu jkollu s-setgħat kollha u jwettaq il-funzjonijiet kollha tal-President matul l-assenza temporanja jew l-inkapaċità tiegħu li jaġixxi bħala President, jew meta l-President ikun fuq btala, jew meta l-kariga ta' President tkun battala.

(5) Kull membru jista', qabel l-iskadenza tal-mandat tiegħu, jirriżenja b'ittra indirizzata lill-Ministru:

Iżda l-membri tal-Kumitat ta' Ħidma jistgħu jitneħħew mill-kariga mill-Ministru qabel l-iskadenza tal-mandat tagħhom meta, fl-opinjoni tal-Ministru, membru ma jkunx jista' jwettaq id-dmirijiet tal-kariga tiegħu jew ikun hemm raġunijiet raġonevoli oħra għat-tneħħija tiegħu.

(6) Id-Direttur u l-impjegati tad-Dipartiment ma għandhomx ikunu eliġibbli biex ikunu membri tal-Kumitat ta' Ħidma.

(7) Ir-remunerazzjoni mħallsa lill-membri tal-Kumitat tax-Xogħol għandha tkun stabbilita mill-Ministru skont il-linji gwida stabbiliti tal-Gvern ta' Malta.

(8) Il-laqgħat tal-Kumitat ta' Ħidma għandhom jissejħu mill-President kemm il-darba jkun meħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu skont dawn ir-regolamenti jew fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba tad-Direttur.

(9) Il-kworum fil-laqgħat kollha tal-Kumitat ta' Ħidma ma għandu fl-ebda każ ikun inqas minn tliet (3) membri.

(10) Il-Kumitat ta' Ħidma għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess.

(11) Att jew proċediment tal-Kumitat ta' Ħidma għandu jkun validu minkejja kwalunkwe post vakanti fost il-membri tiegħu.

(12) Fin-nuqqas tal-President u d-Deputat President fi kwalunkwe laqgħa tal-Kumitat ta' Ħidma, il-membri preżenti jistgħu jagħżlu minn fosthom persuna sabiex taġixxi bħala President fil-laqgħa.

(13) Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Ħidma għandhom jittieħdu b'maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti u li jivvotaw. Fil-każ ta' voti ndaqs, il-President jew persuna oħra li tippresjedi fil-laqgħa għandu jkollha t-tieni vot jew vot deċiżiv.

(14) Il-Kumitat ta' Ħidma jista' jaħtar kwalunkwe impjegat tad-Dipartiment sabiex jaġixxi bħala Segretarju għall-Kumitat ta' Ħidma.

(15) Id-Direttur jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jattendi l-laqgħat tal-Kumitat ta' Ħidma u għandu jipprovdi lill-Kumitat ta' Ħidma bl-informazzjoni kollha li tikkonċerna kwalunkwe kwistjoni li tkun qed tiġi kkunsidrata inkluż il-proċess sħiħ ta' skrutinju.

(16) Il-Kumitat ta' Ħidma għandu jirrevedi l-applikazzjonijiet għal liċenzja, jew tiġdid ta' liċenzja, sottomessi lilu mid-Direttur u għandu jkollu d-deċiżjoni finali dwar jekk applikazzjoni hijiex rakkomandata b'mod favorevoli għall-approvazzjoni jew xort'oħra, filwaqt li jiżgura li d-deċiżjonijiet meħuda huma ġusti u oġġettivi u skont il-liġi. Meta jirrevedi l-applikazzjonijiet, il-Kumitat ta' Ħidma għandu:

(a) jikkunsidra l-informazzjoni kollha mressqa mill-applikant u l-proċess sħiħ ta' skrutinju mwettaq fuq l-applikant, u jeżerċita metodi xierqa ta' inkjesta u eżaminazzjoni fir-rigward tal-informazzjoni ppreżentata;

(b) jitlob lid-Direttur biex jipprovdi kwalunkwe informazzjoni ulterjuri jew biex iwettaq kwalunkwe verifiki jew inkjesti ulterjuri skont kif il-Kumitat ta' Ħidma jista' jqis meħtieġa fiċ-ċirkostanzi;

(ċ) jikkunsidra jekk ir-rekwiżiti kollha ta' dawn ir-regolamenti ġewx sodisfatti jew jekk hemmx xi rekwiżit pendenti; u

(d) fejn xi rekwiżit ikun għadu pendenti, jikkunsidra jekk l-applikant ikunx wera b'mod suffiċjenti li huwa fil-proċess li jissodisfa r-rekwiżit imsemmi b'qies għal azzjoni sottomess mill-applikant f'dan ir-rigward, u f'tali każ, jikkunsidra jekk liċenzja tistax tinħareġ soġġett għas-sodisfazzjon tal-kondizzjonijiet mill-applikant.

(17) Għandu jkun għal kollox fid-diskrezzjoni tal-Kumitat ta' Ħidma li jiddeċiedi jekk liċenzja tistax tinħareġ bla ħsara għas-sodisfazzjon tal-kondizzjonijiet mill-applikant, u dawn ir-regolamenti bl-ebda mod ma għandhom jinftiehmu li jagħtu xi dritt lill-applikanti li jitolbu l-ħruġ ta' liċenzja meta ma jkunux issodisfaw ir-rekwiżiti kollha ta' dawn ir-regolamenti.

(18) Fuq talba tad-Direttur, il-Kumitat ta' Ħidma għandu jkollu wkoll d-deċiżjoni finali dwar jekk ivarjax jew jimponix kundizzjonijiet addizzjonali għal liċenzja jew jekk liċenzja għandhiex tiġi revokata, filwaqt li jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet meħuda jkunu ġusti u oġġettivi u skont il-liġi. Qabel ma jagħmel tali rakkomandazzjoni , il-Kumitat ta' Ħidma għandu jikkunsidra wkoll kwalunkwe sottomissjoni bil-miktub preżentata mid-detentur tal-liċenzja dwar il-kwistjoni skont ir-regolament 9(5)(b).

(19) Il-membri tal-Kumitat ta' Ħidma għandhom jqisu bħala kunfidenzjali l-informazzjoni kollha li tikkonċerna l-applikanti u kull informazzjoni kkomunikata lilhom mid-Direttur jew minn kwalunkwe uffiċjal, impjegat jew konsulent ieħor tad-Dipartiment.

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

10. It-Tieni Skeda tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-paragrafu (ii) tal-partita (a), il-kliem "dritt ta' elf u ħames mitt euro (€1,500)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "dritt ta' tlett elf euro (€3,000)"; u

(b) fil-paragrafu (ii) tal-partita (b),il-kliem "dritt ta' elf u ħames mitt euro (€1,500)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "dritt ta' tlett elf euro (€3,000)";